**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Pubblika**
**9 ta' Diċembru 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fit-Tea Room, Ġnien is-Serenita, Santa Luċija fil-6:00 p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

### 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
Il-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsillier Sciberras ma setgħawx jattendu.

### 1.2 Diskors mis-Sindku
Is-Sindku fetħet il-laqgħa billi irringrazjat lil dawk preżenti tal-attendenza tagħhom.

### 1.3 Il-Qari tal-Estimi Finanzjarji 2026
Is-SE qrat l-Estimi Finanzjarji 2026. Is-Sindku spjegat fid-dettal l-estimi tal-budget u l-proġetti ippjanati li ser isiru sena d-dieħla.

### 1.4 Konsultazzjoni dwar iż-żewġ Bye Laws mar-residenti
Peress li l-Kunsilliera ma kellhomx kummenti dwar il-Bye Laws proposti, ir-residenti qablu mal-proposti. Is-Sindku infurmat li min jixtieq jgħaddi suġġeriment, jista jagħmel dan sal-15 ta' Jannar 2026.

### 1.5 Ilmenti u Suġġerimenti tar-residenti

1.5.1 Resident informa lill-Kunsilliera li fis-sentenza tal-Qorti, l-applikant irid iħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-appelli ta' PA/5677/23 ta' Triq il-Ġibjun.

**1.5.2** Resident staqsa meta ħa jsir r-resurfacing ta' Triq il-Kaħwiela u Triq Maria De Domenics. Is-Sindku infurmat li b'mod kontinwu qed titlob għall-aġġornamenti mingħand IM.

**1.5.3** Resident informa li fi Trejqet Santu Kristu hemm ammont konsiderevoli ta' skart illegali. Is-Sindku infurmat li ser tibgħat rapport lil Cleansing Malta.

**1.5.4** Resident informa li s-sub office HOME ESSENCE mhux qed jaċċetta ġbir ta'parcels relatati mal-Maltapost. Din is-sub office kienu qed jinqdew minnha r-residenti ta' Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekkja dwarha.

**1.5.5** Resident talab li Ġnien is-Serenita jkollu iżjed dawl dekorattiv għal żmien il-Milied. Is-Sindku infurmat li kull sena ser jiżdied id-dawl u t-tiżjin, li l-fondi għalihom jiġu mill-iskemi.

**1.5.6** Resident staqsa kif Triq il-Prinjoli ma ġietx imżejna t-triq kollha. Is-Sindku infurmat li ser titkellem mal-kuntrattur.

**1.5.7** Resident informa li qed għamel petizzjoni sabiex tiġi miżjuda Exit oħra minn Santa Luċija li tkun aktar viċin bħala ħruġ għal Raħal Ġdid.

**1.5.8** Resident talab lill-Kunsilliera sabiex issir oġġezzjoni mill-Kunsill għal 2 applikazzjonijiet ġodda li daħlu mal-PA fi Triq Ġuljetta Lopez u Triq San Piju X. Is-Sindku infurmat li ġa ġiet infurmata l-avukata sabiex tibgħat l-oġġezzjonijiet f'isem il-Kunsill.

## 1.6 Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ____________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |